MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 111/7

It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

111.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

111.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (110/7 [25/09/18])

111.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

111.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

111.5 Rapporti;

111.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali;
*a.* Monument tal-Gudja – progress;
*b.* *Bye law* dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja – progress;
*c.* Fondi – Miżura 4.3 – Toroq rurali – progress;
*d.* *Resurfacing* ta' Triq iż-Żebbuġa, il-Gudja – progress;
*e.* Proġett Ġnien Raymond Caruana – progress;
*f.* Proġett Ġnien Ġlormu Cassar – progress;
*g. Resurfacing* ta' Triq Sta Katarina, Triq Joseph Pace u Triq id-Dejqa.

111.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

111.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.06pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**111.0.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

111.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**111.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (110/7 [25/09/18])**

111.2.1 Dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija b'mod unanimu.

Is-Sindku ppropona u s-Sur Fenech issekonda li dawn il-minuti 110/7 25/09/2018 jiġu approvati.

Il-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino astjena peress li ma kienx preżenti fil-laqgħa preċedenti dwar dawn il-minuti.

Dawn il-minuti ġew approvati.

111.2.2 Punti li tqajmu mill-minuti

a. Is-Sur Baldacchino għamel referenza għat-tema 110.3.8 – UIF jiġu allokati sabiex jiffinanzjaw xogħlijiet fi Triq Sta Katarina, Triq Joseph Pace u Triq id-Dejqa flok il-finanzjament tal-bini tal-Kunsill.

   Is-Sur Baldacchino saħaq li filwaqt li dawn it-toroq għandhom isiru, il-fondi tal-UIF għandhom jibqgħu għall-bini tal-Kunsill kif kien diġà deċiż mill-istess Kunsill.

   Il-Kunsill għandu bżonn bini għall-amministrazzjoni tiegħu li jkun aċċessibbli anke kif stipulat fil-Liġi dwar il-Kunsilli Lokali.

   Is-Sur Baldacchino qal ukoll li kif diġà mħabbar it-toroq issa huma taħt ir-responsabilità ta' Infrastruttura Malta u jekk forsi dawn it-toroq ma jsirux din is-sena jsiru s-sena ta' wara.

   Is-Sindku wieġeb li filwaqt l-art fejn maħsub li jsir il-bini tal-Kunsill din għadha mhux f'idejn il-Kunsill. Il-Kunsill għamel u għadu qed jagħmel diversi tentattivi sabiex jikseb din l-art biswit Palazzo d'Aurel.

   Is-Sindku qal ukoll li l-Infrastruttura Malta tagħmel toroq bit-tarmak u jixraq li dawn it-toroq fil-qalba antika tar-raħal isiru b'materjal li jixraq l-ambjent tal-madwar.

   Il-Viċi Sindku wieġeb li ma kienx qed jifhem li issa hemm din l-għaġla speċjalment li l-elezzjoni tal-Kunsill tinsab fil-qrib. Is-Sur Baldacchino reġa' tenna li l-Kunsill għandu bżonn lok li jkun aċċessibbli għaliex ħafna residenti speċjalment dawk anzjani ma jistgħux jersqu għand il-Kunsill għal ħtiġijiet tagħhom.

   Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jfittex li jixtri post li jkun jista' jiġi addattat għal ħtiġijiet tal-amministrazzjoni tal-Kunsill iżda li primarjament ikun aċċessibbli għal kulħadd.

   Is-Sur Fenech stqarr li binja aċċessibbli għall-Kunsill hija wegħda li kienet u għadha tinsab fil-manifest elettorali tal-Kunsill.

   Is-Sur Fenech fakkar li dan il-Kunsill kellu ż-żmien tiegħu ttawwal b'sentejn iżda dan ma sewa għalxejn.

   Is-Sur Baldacchino tenna li fil-White Paper li fil-preżent qed tittratta l-Kunsilli dwar 25 sena mit-twaqqif tagħhom, hemm ċar li l-bini tal-Kunsill għandu jkun aċċessibbli.

   Għalhekk b'dak li għamel is-Sindku u ppropona li jwarrab il-fondi tal-UIF għat-toroq flok il-bini aċċessibbli għall-Kunsill, dan imur ukoll kontra l-ispirtu tal-White Paper dwar il-Kunsilli.

Is-Sur Fenech stqarr li l-Kunsill għandu wkoll ifittex finanzjament għal bini jew xiri tal-Kunsill bħalma għamel il-Kunsill tal-Fgura. Is-Sur Fenech qal li l-bini tal-Kunsill għandu jkun ċentrali u aċċessibbli.

Is-Sur Fenech qal li dak li mwegħdu għandu jitwettaq speċjalment meta dan ikun il-bini amministrattiv aċċessibbli għal kulħadd.

Is-Sur Baldacchino kompla jinsisti li l-Kunsill għandu jżomm il-fondi allokati għal bini tal-Kunsill.

Kemm is-Sur Baldacchino kif ukoll is-Sur Fenech qablu li l-akkwist ta' art u bini tal-Kunsill jieħu ż-żmien u għalhekk il-Kunsill għandu jfittex li jixtri dar u jagħmel xi tibdiliet sabiex tkun tista' takkomonda l-ħtiġijiet tal-Kunsill u tar-residenti tal-Gudja speċjalment dik ta' aċċessibilità.

Is-Sindku qal li huwa baqa' jinsisti li tiġi devoluta l-art qrib il-palazz iżda l-awtoritajiet ma ħadmux mal-Kunsill f'din il-materja meta bdew jitolbu rapport u xogħol ieħor tal-Perit li kienu sejrin jiswew ħafna flus mingħajr ma kien hemm xejn stabbilit dwar l-akkwist tal-art favur il-Kunsill.

Is-Sur Baldacchino qal li b'dak li għamel is-Sindku jidher li huwa (is-Sindku) ma jixtieqx jiċċaqlaq mill-bini eżistenti tal-Kunsill.

Is-Sindku reġa' tenna li l-korrispondenza tal-Kunsill dwar il-ħidma tal-Kunsill dwar l-akkwist tal-art u l-bini tal-Kunsill hija ċara.

Is-Sindku stqarr li fil-fatt kien l-istess Segretarju Parlamentari Silvio Parnis li qal li x-xogħol fit-toroq Triq Sta Katarina, Triq J. Pace u Triq id-Dejqa jistgħu jsiru mill-fondi tal-UIF.

Is-Sur Baldacchino insista li fil-fehma tiegħu l-Kunsill għandu jżomm l-finanzi sabiex il-bini amministrattiv tal-Kunsill ikun realtà u mhux sempliċement wegħda.

Is-Sindku qal li huwa għandu jimxi mad-deċiżjoni li ħa l-Kunsill li jsiru xogħlijiet fit-toroq imsemmija mill-fondi tal-UIF għaliex fil-fehma tiegħu dawn il-fondi li rnexxilu jfaddal ma jkunx f'postu li jintefqu minn ħaddieħor. "Allura nfaddlu aħna u jonfoqhom ħaddieħor". Is-Sur Baldacchino rribatta billi qal "allura jekk ma tkunx inti bħala Sindku, dak ta' warajk ma jsib xejn".

Is-Sur Caruana qal li f'dan l-istadju huwa importanti li l-Kunsill jara li l-bini eżistenti tal-Kunsill għandu jkun aktar aċċessibbli.

Dwar dak li ngħad dwar is-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li dan ma qalx li sejjer jgħin iżda wera minn fejn jistgħu jinkisbu fondi dwar il-proġetti tal-Kunsill dwar it-toroq imsemmija.

Is-Sindku qal li huwa veru li ċertu proġetti ma sarux iżda sabiex tagħmel proġett trid tfaddal il-flus u dan jieħu ż-żmien.

Is-Sur Fenech qal għalhekk jekk il-Kunsill għandu flus imfaddla għandu jibda bil-proġett ta' Triq iż-Żebbuġa biswit il-knisja.

Is-Sur Baldacchino reġa' tenna li s-Sindku ma setax jipproponi li tinbidel deċiżjoni tal-Kunsill li kien diġà qabel li l-fondi tal-UIF jiġu allokati għal bini tal-Kunsill speċjalment meta l-amministrazzjoni tal-UIF għadhom ma tawx konferma li dawn il-fondi jistgħu jintużaw għal proġett ta' toroq.

Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu wkoll jitlob lill-MEUSAC dwar possibilità li jikseb fondi għall-proġetti fil-qalba tar-raħal.

Fit-tmiem din id-diskussjoni ġie deċiż li dak li ddeċieda l-Kunsill fil-laqgħat preċedenti għandu jibqa' fis-seħħ iżda l-Kunsill ma għandux jippreġudika l-possibilità li jkollu l-fondi disponibbli dwar il-bini jew l-akkwist mill-Kunsill għal bini amministrattiv tiegħu li jkun aċċessibbli għal kulħadd.

**111.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

111.3.1 Sit għall-camping f'Tal-Ħmis. Is-Sindku qal li membri tal-Awtorità tat-Turiżmu avviċinaw il-Kunsill sabiex jaraw li dawn l-inħawi jitnaddfu u ssir sit għall-camping. Is-Sindku qal li dwar dan huwa kien sejjer jagħti aktar informazzjoni fil-laqgħat li jmiss tal-Kunsill.

111.3.2 Proġett next-bike. Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Sur Alan Camilleri fejn ġie stabbilit li jsiru 3 stands b'5 roti kull wieħed. Is-Sur Camilleri jwiegħed li huwa kien sejjer jaħdem mal-MIA sabiex dawn l-istands jiġu finanzjati mill-MIA.

Is-Sindku qal li huwa kien sejjer jagħti informazzjoni dwar dan fil-laqgħat li jmiss tal-Kunsill.

**111.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

111.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**111.5.0 Rapporti**

111.5.1 Romeo Baldacchino (Viċi Sindku)

a. Xogħol tal-kuntratturi għall-ġranet tal-festi. Is-Sur Baldacchino ġibed l-attenzjoni sabiex il-kuntratturi għandhom jiġu mfakkra dwar is-servizz li għandhom jagħtu għal żmien il-festi tal-Madonna tar-Rużarju u l-festa tal-Madonna taċ-Ċintura sabiex tinżamm l-indafa meħtieġa, jkun hemm il-latrini miftuħa u nodfa kif ukoll tinżamm l-ordni kif ikun meħtieġ.

b. Ġibjuni miftuħa f'Dawret il-Gudja. Is-Sur Baldacchino ġibed l-attenzjoni li minn madwar dawn il-ġibjuni qed jinsteraq il-ġebel kif ukoll jidher li hemm oġġetti goffi li qegħdin jagħlqu l-passaġġ tal-ilma minn ġibjun għal ieħor. Is-Sur Baldacchino qal li din hija sitwazzjoni perikoluża u għalhekk għandha tinġibed l-attenzjoni ta' dawk responsabbli sabiex tittieħed azzjoni mmedjata.

c. Ġbir ta' skart bis-sistema l-ġdida. Is-Sur Baldacchino qal li kien qed jaħdem mal-GreenPak sabiex jinħareġ leaflet u jitqassam f'kull dar li juri l-ġbir tal-iskart u b'hekk ir-residenti ma jkollhomx dubju kif qed jinġabar kull tip ta' skart minn ġol-Gudja.

d. Tindif ta' spralli u gutters. Is-Sur Baldacchino qal li dawn għandhom jitnaddfu ta' spiss peress li kien qed jiġri li meta tagħmel ix-xita xi ftit qawwija fi żmien qasir xi toroq ikunu qed jegħrqu sakemm jiskula l-ilma.

e. Permessi għal open skips. Is-Sur Baldacchino ġibed l-attenzjoni li xi daqqiet ikun hemm min iġib permess ta' skip u jieħu parkeġġ wara proprjetà ta' ħaddieħor u dan iġib inkonvenjent kbir speċjalment meta din l-iskip titħalla għal xi jiem.

Il-Kunsill qabel li l-open skips għandha titpoġġa biswit il-proprjetà fejn ikun qed isir ix-xogħol (ħlief għal meta dan ikun sejjer jimblokka t-traffiku) u li l-iskip m'għandhiex tibqa' fuq il-post għal aktar minn 8 sigħat.

111.5.2 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. Parking bays fi Triq W. Baker (in-naħa t'isfel) u fi Triq P. Gagliardi, il-Gudja. Is-Sur Sammut qal li hemm ħtieġa li jsiru dawn il-parking bays sabiex ikun hemm parkeġġ aktar organizzat. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex tagħti pariri u tawtorizza kif ikun meħtieġ sabiex il-parkeġġ ikun aktar organizzat.

b. Parteċipazzjoni fil-Malta Olympic Committee (MOC). Is-Sur Sammut qal li bħal snin oħra l-Kunsill ippreżenta l-applikazzjoni sabiex l-attivitajiet sportivi organizzati mill-Kunsill jiġu konsidrati mill-MOC fil-kategorija tal-attivitajiet sportivi mill-Kunsilli.

c. Parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fi proġetti ffinanzjati minn fondi Ewropej. Is-Sur Sammut qal li kien qed jaħdem sabiex jinsab programm l-aktar addattat sabiex bħalma sar drabi oħra, żgħażagħ mill-Gudja jkunu jistgħu jieħdu sehem f 'dawn il-programmi u filwaqt li jieħdu esperjenza li tiswielhom fil-ħajja tagħhom, l-ispejjeż kemm għalihom individwali kif ukoll għall-Kunsill ikun ftit ħafna.

111.5.3 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Tindif ta' kalverts. Is-Sur Caruana qal li dan it-tindif għandu jsir b'mod regolari ġewwa toroq madwar il-Gudja kollha speċjalment ġewwa Triq l-Għelejjel. Is-Sur Caruana qal li qed jiġri li meta tagħmel ħafna xita f'daqqa u l-ilma ma jkollux minn fejn jgħaddi, hemm detriment serju li tegħreq it-triq u ma jkunx possibbli għar-residenti li joħorġu minn djarhom.

b. Proġett ta' toroq fil-kampanja – Triq tal-Lampat, Triq V. Pasmore, Triq Birżebbuġa u Ta' Loreto. Is-Sur Caruana qal li tkun ħaġa tajba li l-Kunsill jitkellem mal-kuntrattur li ħa t-tender (RMS) kif ukoll mas-sidien tal-għelieqi sabiex isiru kalverts meħtieġa u b'mod professjonali sabiex l-ilma tax-xita jkun jista' jinġabar sewwa u b'mod sistematiku. Jekk ma jsirx dan ikun hemm riskju li ftit wara li jsir l-asfalt tibda tara biċċiet ta' konkos fuq l-istess tarmak sabiex jinġabar l-ilma mit-triq. Dan iħassar wiċċ it-triq u bi ftit koperazzjoni minn kulħadd din il-ħsara tista' tiġi evitata.

c. Talba mis-Soċjetà Filarmonika La Stella dwar l-armar tal-Milied. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill għandu talba minn La Stella fejn staqsew jekk hux possibbli li għal din is-sena l-armar (dawl) tal-Milied jkunx jista' jintrama minn quddiem il-knisja 'l ġewwa minflokk fil-bidu ta' Triq R. Caruana.

Dwar dan saret diskussjoni fejn is-Sindku qal li ma jkunx xieraq li quddiem il-każin ikun bid-dawl u t-triq prinċipali tispiċċa bla dawl.

Il-Viċi Sindku qal li kieku kien hemm żmien biżżejjed, proposta bħal din kienet tkun aħjar li tiġi diskussa bejn it-tliet parteċipanti.

Il-Kunsill qabel li għal din is-sena l-arranġamenti dwar id-dawl tal-Milied għandhom jibqgħu kif miftehma.

d. Charging station fi Triq Bir Miftuħ. Is-Sur Caruana staqsa jekk bħala Kunsill kienx infurmat biċ-charging point li twaħħlet ġewwa Triq Bir Miftuħ. Is-Sindku wieġeb li dwar dan ma kienx hemm konsultazzjoni mal-Kunsill u jidher li l-Kunsill kellu biss notifika fi żmien qasir fi żmien meta jidher li kienet diġà ttieħdet deċiżjoni (barra mill-ambitù tal-Kunsill) dwar il-lok tat-twaħħil ta' dan iċ-charging point li seħħ ukoll fuq livell u proġett nazzjonali dwar il-ħarsien tal-ambjent u t-tnigġis mit-traffiku.

e. Xogħol ta' manutenzjoni fi Triq San Mark. Is-Sur Caruana stqarr li f'din it-triq hemm żewġ toqbiet fl-asfalt li għandhom jiġu msewwija sewwa għaliex qed joħolqu periklu serju.

Is-Sindku wieġeb li kien sejjer jara dwar dan sabiex dak li għandu jsir, isir mill-aktar fiss possibbli.

f. Programm Erba' Staġuni/Milied ta' Dari. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill kien sejjer itella' dan il-programm fit-28 ta' Diċembru 2018. Is-Sur Caruana talab

lill-kunsilliera kollha sabiex fejn ikun possibbli jagħtu l-input u l-ideat tagħhom u jipparteċipaw bi ħġarhom. Is-Sur Caruana talab ukoll sabiex kulħadd jinkoraġġixxi lir-residenti sabiex jipparteċipaw fl-attivitajiet festivi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena li jtella' l-Kunsill.

g. Parking area temporanja ħdejn il-grawnd tal-futbol. Is-Sur Caruana ġibed l-attenzjoni li dawn l-inħawi jinsabu ftit mudlama peress li d-dawl kien ġie vandalizzat.

Il-Kunsill qabel li jitlob lill-kuntrattur sabiex jagħmel id-dwal kif meħtieġ.

111.5.3 George Fenech (Kunsillier)

a. Arbli tad-dawl fi Triq San Pawl, il-Gudja. Is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni dwar 2 arbli tad-dawl li tpoġġew ħdejn is-sit ta' kostruzzjoni fi Triq San Pawl, liema arbli tpoġġew fit-triq ħdejn il-bankina temporanja li nbniet mal-ilqugħ ta' din il-binja ġdida.

Is-Sur Fenech stqarr li jista' jiġri li meta allura jitneħħa l-ħajt tal-ilqugħ li qed jagħlaq il-bankina u titneħħa dik temporanja, dawn l-arbli se jiġu f'nofs it-triq u b'hekk ikunu qed jonqsu żewġ spazji ta' parkeġġi oħra.

Is-Sindku wieġeb li sejjer jieħu passi dwar dan mal-Enemalta.

b. Proġett tal-eTender fuq ġbir ta' skart. Is-Sur Fenech talab li jitħaffef il-proċess tal-eTender fuq ġbir tal-iskart peress li fil-preżent qed titħaddem sistema ta' direct order għal nefqa ta' €3374.80 kull vawċer li jekk tgħoddhom flimkien jammontaw 'il fuq minn €40,000.00 fis-sena.

c. Inizjattiva ta' ġbir ta' prodotti tal-ikel mill-Kunsill għal żmien il-Milied. Is-Sur Fenech qal li tkun ħaġa sabiħa li l-Kunsill jiġbor prodotti tal-ikel għal żmien il-Milied sabiex wara jitqassam lill-entitajiet li jgħinu persuni fil-bżonn.

Is-Sindku wieġeb illi dwar dan huwa għandu xi laqgħat mas-segretarjat tal-President ta' Malta fuq l-istess binarji.

d. Tilqim kontra l-influwenza. Is-Sur Fenech informa lill-Kunsill illi huwa kien diġà beda bit-tilqim kontra l-influwenza u li kien hemm rispons tajjeb. Peress li kien għad baqa' xi nies li ma attendewx għat-tilqim, is-Sur Fenech offra li jerġa' jagħti s-servizz nhar it-Tnejn 29 ta' Ottubru 2018.

Il-Kunsill b'mod unanimu rringrazzja lis-Sur Fenech għall-ħidma tiegħu b'dan is-servizz fil-komunità tal-Gudja.

**111.6.0 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali**

111.6.1 Monument tal-Gudja. Is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li allavolja d-data tal-laqgħa li kellha ssir fis-26 ta' Settembru fuq talba tal-Kunsilliera

saret fit-02 ta' Ottubru 2018, għal din il-laqgħa xorta waħda ma attenda ħadd mill-Kunsilliera.

Is-Sur Fenech informa lill-Kunsill li wara l-laqgħa tat-02 ta' Ottubru 2018 hemm data finali tat-30 ta' Ottubru 2018 sabiex dawk konċernati jagħtu mudelli jew drawings dettaljati tal-proġett.

111.6.2 Bye law dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja. Is-Sur Sammut wera diżappunt dwar l-imġieba tal-avukat li qabbad il-Kunsill dwar din il-materja. Is-Sur Sammut stqarr li wara li l-avukat kitbilna l-bye-law u l-Kunsill mexa billi ssottomettieha skont il-proċedura stabbilità, issa l-istess avukat qed joffri li jagħmel riċerka neċessarja biex tiġi implimentata. Is-Sur Sammut stqarr "mela aħna ta' xiex ħallasnieh lill-avukat?".

Fil-fehma tas-Sur Sammut il-Kunsill diġà ħallas sabiex l-avukat jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex din il-bye-law tiġi finalizzata u approvata b'suċċess u dan jinkludi kull riċerka u xogħol ieħor legali. Is-Sur Sammut qal ukoll li apparti minn hekk, l-avukat jidher li qed jidħol f'kunflitt ta' interess meta joffri, servizzi tiegħu wkoll, lid-Dipartiment dwar din il-kwistjoni.

Huwa biss il-Ministru li għandu l-jedd jibgħat lura sabiex isiru xi emendi. Is-Sur Sammut iħoss li għalhekk la darba għaddew is-sitt ġimgħat, preskritti mil-liġi u l-Kunsill mexa mal-proċedura stabbilita, huwa (is-Sur Sammut) iħoss li din il-bye-law għandha tidħol fis-seħħ fid-data stipulata, jiġifieri fl-14 ta' Novembru 2018 u l-Ministru responsabbli għandu jiġi notifikat b'dan b'ittra mill-Avukat kif imqabbad mill-Kunsill sabiex jipprepara din l-istess bye-law.

F'dan l-istadju beda dibattitu partikularment bejn is-Sur Sammut u s-Sur Fenech.

Is-Sur Fenech qal li ma kienx jaqbel mas-Sur Sammut partikularment meta s-Sur Sammut qal li la darba l-Ministru responsabbli ma rrispondiex, il-Kunsill ma jistax jinjora l-korrispondenza li ntbagħtet lill-Kunsill mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u għaliex jekk jagħmel hekk il-Kunsill ikun qed jieħu li din il-bye-law għaddiet bħala liġi u tidħol fis-seħħ mill-14 ta' Novembru 2018.

Jekk jagħmel hekk, il-Kunsill ikun qed jassumi ħażin. Peress li l-Kunsill għad ma għandux f'idejh l-approvazzjoni, il-Kunsill għad ma għandux il-poteri li jiżgombra dawk il-vetturi li ma jkunux qed isegwu mal-linji tal-bye-law.

Is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni li skont il-liġi eżistenti u skont l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (artiklu 33(d) u 72) u artikolu 54 tal-Ordinanza li Jirregola t-Traffiku, fejn jgħidu li ma tistax tiddiskrimina u tippenalizza lil dawk li mhux residenti.

Is-Sur Sammut wieġeb li ma kienx qed jaqbel mas-Sur Fenech meta dan jimplika li din il-bye-law hija antikostituzzjonali u anke kien hemm kawża dwar dan.

Is-Sur Sammut ikkwota kawża kostituzzjonali deċiża u mogħtija mill-Imħallef Jacqueline Padovani Grima f'Mejju 2016 li kkonfermat li parkeġġi li jiffavorixxu lir-residenti huma permessi u li ma joħolqu l-ebda diskriminazzjoni antikostituzzjonali.

Is-Sur Fenech wieġeb billi qal li s-Sur Sammut konvenjentament ikkwota sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali fuq ċitazzjoni li kienet ngħatat. Is-Sur Fenech qal li meta s-Sur Sammut kien qed jaqra s-sentenza deher ċar li din kienet tirreferi b'mod kategoriku li ma kinitx tirrifletti l-liġi iżda att umanitarju.

Fil-fehma tas-Sur Fenech, is-Sur Sammut konvenjentament qabeż il-korrispondenza mibgħuta mis-Sindku fejn talab li l-ispiża ta' madwar €1500 biex tressqet il-bye-law tiġi rifuża lura.

Is-Sur Fenech talab li tintbagħat ittra lill-Ministru, bl-għajnuna tal-avukat tal-Kunsill biex nistaqsu għal tweġiba diretta jekk il-bye-law tistax tittieħed li għaddiet.

Is-Sur Fenech stqarr li ma kienx lest li jkun akkużat fil-Qorti b'kompliċità ta' serq ta' vetturi sempliċiment għax il-Kunsilliera Nazzjonalisti bagħtu korrispondenza lir-residenti tal-Gudja fejn ħadu r-responsabilità li mill-14 ta' Novembru 2018 bħala Kunsill Lokali jkollu l-poteri li jiżgombra vetturi li jiksru l-liġi tal-Gudja.

Is-Sur Sammut staqsa lis-Sur Fenech sabiex ikun ċar u jwieġeb jekk huwiex kontra jew favur il-bye-law, għax jekk hu (is-Sur Fenech) hu favur il-bye-law għandu jġib argumenti favur u mhux dejjem jiġi bl-istess argumenti kontra.

Is-Sur Sammut qal li kien xeba' jirrispondi lis-Sur Fenech dwar din il-bye-law fi kważi kull laqgħa.

Is-Sur Fenech sostna li huma għandu għall-qalbu l-aħjar interess tal-Kunsill u tar-raħal tal-Gudja u l-komunità kollha tal-Gudja.

Is-Sur Sammut reġa' daħal fid-dibattitu u qal li s-Sur Fenech għandu juri biċ-ċar dwar dan u għandu jiġi bi proposti pożittivi u konkreti.

Is-Sur Fenech wieġeb li fil-fehma tiegħu, huwa (is-Sur Fenech) għandu għall-qalbu r-residenti aktar milli għandu s-Sur Sammut għaliex skont it-tweġibiet li dejjem ta s-Sindku, huwa (is-Sur Sammut) u l-Kunsilliera l-oħra qablu li jsiru sinjali sofor quddiem bibien residenzjali privati bil-konsegwenza li naqsu l-parkeġġi għal vetturi.

F’dan l-istadju intervjena s-Sindku u indirizza lis-Sur Fenech billi qallu li fuq din il-materja s-Sur Fenech kien qisu qed jaħdem minn wara dahar il-Kunsill.

Is-Sur Fenech irribatta billi talab lis-Sindku li jew jipprovdi l-provi jew jirtira l-allegazzjoni.

Is-Sindku qal li kien lest li jġib il-provi fil-ħin opportun.

Finalment il-Kunsill b’mod unanimu qabel li jagħti struzzjoni lill-avukat tal-Kunsill li ġie inkarigat dwar din il-bye-law, Dr Andy Ellul, sabiex f’isem u għan-nom il-Kunsill, jikteb lill-Ministru Dr. Owen Bonnici, li peress li l-Kunsill mexa mal-proċedura stabbilita u ħejja l-bye-law skont il-liġi u peress li issa jkunu għaddew is-sitt ġimgħat kif stipulati fil-liġi, il-Ministru Bonnici (Ministru responsabbli), jikkonferma li din il-bye-law tidħol fis-seħħ fl-14 ta’ Novembru 2018.

111.6.3 Fondi Miżura 4.3 – toroq rurali. Il-Kunsill ġie infurmat li fil-preżent qed jeħel negative interest fuq il-fondi li l-Kunsill irċieva minn qabel dwar din il-miżura.

Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li hemm pendenzi mal-kuntrattur u WSC peress li l-kuntrattur ma kienx qed jaqbel mar-rata stabbilita mill-WSC dwar ix-xogħol mitlub mill-WSC. Il-WSC ma infurmatx lill-Kunsill minn qabel dwar ix-xogħol meħtieġ u dan ħoloq diffikultà kbira għall-Kunsill.

Il-Kunsill ġie infurmat li fil-preżent il-Kunsill kien għadu qed jesplora kull possibilità li x-xogħol li talbu l-WSC dwar Ta’ Loreto (li tinkludi Triq Birżebbuġa fil-kampanja) jiġu finanzjati jew mill-WSC jew sorsi oħra ta’ finanzjament.

Il-kuntrattur RMS għadu ma ġabx il-garanzija bankarja u l-permess tat-TM dwar ix-xogħol meħtieġ.

Il-Kunsill qed ifittex sabiex f’dawn iċ-ċirkustanzi l-Managing Authority tagħti aktar żmien dwar it-twettiq u t-tkomplija finali, inkluż id-dokumentazzjoni meħtieġa tal-proġett.

111.6.4 Resurfacing ta’ Triq iż-Żebbuġa. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti din it-tema fil-laqgħa msejħa b’urġenza peress li jeħtieġ li jkun preżenti l-Perit tal-Kunsill. Wara li jsiru l-BOQs meħtieġa, il-Kunsill ikun jista’ jipproċedi bil-ħruġ tat-tender.

111.6.5 Proġett Ġnien R. Caruana. Il-Kunsill ġie infurmat li l-Perit Anne Casha appuntata mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u Infrastruttura kompliet bil-preparazzjoni sabiex toħroġ tender waħda dwar ix-xogħol kollu meħtieġ.

111.6.6 Proġett Ġnien Ġ. Cassar. Il-Kunsill ġie infurmat li l-Periti mqabbda minn Projects Malta issottomettiet l-applikazzjoni meħtieġa lill-PA.

111.6.7 Resurfacing ta' Triq Sta Katarina, Triq Joseph Pace u Triq id-Dejqa. Il-Kunsill qabel li tissejjaħ laqgħa b'urġenza dwar it-twettiq ta' dan il-proġett li huwa maħsub li jsir b'materjal li jixraq l-ambjent u mhux bl-asfalt, peress li dawn it-toroq jinsabu fil-qalba antika tal-Gudja u li t-traffiku huwa ftit li jgħaddi minn dawn it-toroq

**111.7.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

111.7.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti nru 61/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsillier G. Fenech għall-ammont totali ta' €17089.21. Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet ukoll iffirmata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**111.8.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

111.8.1 Konfini. Il-Kunsill għamel referenza għall-korrispondenza wara il-laqgħa tat-18 ta' Ġunju 2018 li kienet saret mal-Kummissjoni Elettorali.

Saret diskussjoni.

Il-Kunsill iddeċieda li fiċ-ċirkustanzi jitlob laqgħa mal-Ministru Dr. Owen Bonnici, Ministru responsabbli mill-Kunsill Lokali u mas-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis dwar dak li ġie diskuss u dwar li l-Kummissjoni taqbel mal-pożizzjoni tal-Kunsill li l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jinsab fil-konfini tal-Gudja iżda minħabba raġunijiet ta' natura nazzjonali u l-ħtiġijiet oħra dan ma jistax issir kif qed jitlob il-Kunsill tal-Gudja.

Il-Kunsill iħoss li din is-sitwazzjoni tippreġudika l-interess dirett kif ukoll indirett tal-komunità tal-Gudja u għalhekk huwa maħsub li bil-laqgħa mal-Ministru Dr. Owen Bonnici u s-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis tinsab soluzzjoni ekwità li tħares l-interessi tal-komunità tal-Gudja u tal-istess Kunsill Lokali.

111.8.2 White Paper dwar il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ġie infurmat dwar din il-White Paper u ġie maqbul li kull min jixtieq jagħmel kummenti jew suġġerimenti jista' jagħmel dan jew b'mod individwali jew b'mod kollettiv.

111.8.3 Xiri ta' cold tarmak. Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel u approva li tinxtara 30 xkora ta' cold asphalt sabiex meta jippermetti t-temp isir xogħol f'diversi toroq fil-Gudja.

111.8.4 Newsletter – softcopy tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jibdew il-preparamenti sabiex minn żmien għal żmien il-Kunsill joħroġ newsletter (softcopy) li turi l-ħidma tal-Kunsill.

111.8.5 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.35pm. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għat-Tlieta 27 ta' Novembru 2018 fis-

6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv